HAL BALZAN

IS-SITT SENA NRU. 34 MARZU/APRIL 1977

EDITORJAL

NIKKULTIVAW IS-SIĠAR U L-PJANTI

Ħal Balzan huwa magħruf minn kulħadd għall-ġonna tiegħu, kif jixhed il-motto stess tar-raħal li jgħid: "Hortibus Undique Septa" (Imdawwar bil-ġonna minn kullimkien). Dan fl-ebda żmien tas-sena ma jinħass aktar minn f'dan iż-żmien, fir-rebbiegħa, meta l-ġonna bħal jieħdu ħajja ġdida wara n-nagħsa tax-xitwa. F'dawn ix-xhur li qegħdin fihom, ma tgħaddix minn triq f'Ħal Balzan li ma xxommx ir-riħa taqsam taż-żahar tal-larinġ, li tħossha tiftaħlek imnifsejk u timlielek il-pulmuni b'nifs ġdid. Hija din is-sbuħija naturali li ssebbaħ, aktar minn kull ħaġ'oħra, lir-raħal tagħna ta' Ħal Balzan.

Min-naħa tagħna, aħna għandna nuru apprezzament lejn din is-sbuħija. Il-Balzanin ta' l-imgħoddi kienu nies magħrufin tajjeb għal din l-għożża li huma kellhom lejn is-siġar u l-ħdura. Kienu nies li għamlu isem fil-kultivazzjoni tal-pjanti u t-tkabbir tal-frott. Aħna għandna nkomplu nuru din l-imħabba lejn il-ġonna u s-siġar tagħna billi nikkultivawhom u nieħdu ħsiebhom. Għandna nibżgħu għas-siġar li għandna mħawla fil-misraħ u fit-toroq tagħna u nrawmu din l-istess imħabba f'uliedna. Għandna wkoll insebbħu djarna bil-qsari u noħolqu dak l-ambjent sabiħ ta' ħajja billi nżejnu t-twieqi tagħna bi qsari sbieħ, bħalma konna għamilna daqs ħames snin ilu meta kien qed isir il-'Konkors għal belt jew raħal miżmum l-aħjar'. It-toroq tagħna żgur jieħdu dehra oħra u l-ambjent li ngħixu fih ikun ħafna isbaħ.

AKTAR INTERESS FIL-GAZZETTA

Fid-dinja bosta ħwejjeġ jindraw, u dak li għall-bidu jkun xi ħaġa speċjali mal-mogħdija taż-żmien tant jindara li donnu jsir parti mill-ħajja u dlonk jibda jittieħed, kif igħidu l-Ingliżi, 'for granted'. Meta jiġri hekk, x'aktarx jonqos l-apprezzament u l-ħaġa tajba tibda sejra lura. Biex dan ma jiġrix, ikun irid isir sforz kontinwu biex il-ħaġa mibdija tissokta fi triqtha 'l quddiem.

Niġu għall-gazzetta tagħna. Bil-għajnuna t'Alla u bil-koperazzjoni tal-Balzanin u ta' qarrejja oħra, il-gazzetta tagħna ħarġet regolarment u dalwaqt inkunu ilna sitt snin sħaħ nippublikawha. Problemi kellna, l-aktar finanzjarji, u ma nistgħux ngħidu li ħlisna minnhom għal kollox, imma bi ftit rieda tajba dejjem għelibna dawn il-problemi.

B'mod ġenerali, nistgħu ngħidu li l-interess fost il-Balzanin lejn raħal twelidhom kiber u dan ma niżbaljawx jekk nattribwuh lill-gazzetta. Biss, m'għandniex nieqfu hawn. Ma nistgħux ngħidu li aħna kuntenti mija fil-mija. Nibżgħu li whud il-gazzetta qed joħduha, kif għedna, 'for granted' wisq u għalhekk l-apprezzament tagħhom għaliha naqas.

Għalhekk nagħmlu appell lill-Balzanin kollha sabiex ilkoll nuru aktar interess lejn dak kollu li hu tagħna. Naqrawha l-gazzetta, u nibagħtu s-suġġerimenti tagħna lill-Bord Editorajli, ħalli b'hekk il-livell tal-gazzetta jissokta jogħla u jitjieb. Min jinqala' biex jikteb għandu jagħmel ħiltu kollha, imidd idejh u jiktbilna xi artiklu, għax aktar ma jiżżewqu l-kittieba aktar jikber l-interess fil-gazzetta. Xi drabi, l-aktar kitbiet li naħsbuhom ta' bla interess jafu joħolqu interess kbir, kif tixhed tajjeb l-ittra li qegħdin nippubblikaw miktuba mill-Kanada mis-sinjura Mary Vella, ittra li timliena b'kuraġġ kbir biex nissuktaw mexjin 'il quddiem.

IN-NIĊEĊ TAT-TOROQ

Waħda mill-karatteristiċi sbieħ ta' pajjiżna li tolqot litturist li jiġi jżurna hija l-ħafna niċeċ bix-xbihat tal-Madonna u tal-Qaddisin li għandna mxerrdin fil-kantunieri tat-toroq fl-ibliet u l-irħula tagħna. Ħal Balzan, bħal irħula oħra m'huwiex xi eċċezzjoni, u għandu għadd sabiħ ta' niċeċ helwin bi statwi tabilħaqq artistiċi li ħafna minnhom huma storiċi wkoll. Insemmu, per eżempju, iż-żewġ statwi ta' Santu Rokku, waħda bejn Triq S. Rokku u Triq Providenza u l-oħra ħdejn Bir-Bal, u n-niċċa devota u qadima tal-Madonna tar-Rummiena, u oħrajn. Dawn in-niċeċ ta' min jieħu ħsiebhom, mhux biss billi jsewwi xi ħsarat li jistgħu jinqalgħu maż-żmien, imma wkoll billi jieħu ħsieb iżejjinhom b'xi żewġ fjuriet sbieħ u b'xi xemgħa tixgħel li tqanqal ħafna għad-devozzjoni. Haqqu kull tifħir min jieħu ħsieb in-niċċa tal-Madonna tar-Rummiena li dejjem kienet miżmuma b'għożża kbira u kkultivata mill-aktar, u minn xi xhur 'l hawn qed naraw tinxtegħel ukoll armata bil-fjuri n-niċċa tal-Madonna ta' l-Abbandunati, bejn Triq S. Valentinu u Triq Sisner, bis-saħħa ta' tnejn min-nies li minn rajhom qegħdin jieħdu ħsiebha regolarment. Inizjattivi bħal dawn ta' min ifaħħarhom u j'Alla jkollna aktar nies ta' rieda tajba li jieħdu ħsieb il-patrimonju ta' missirijietna.

IL-KNISJA PARROKKJALI (22)

L-ARTAL MAĠĠUR

Dan l-artal maġġur kien lest fl-1824 u dan nafuh mill-kitba tal-marmisti stess u tal-brunżar li ħallewlna bħala riċevuti fuq wieħed mill-kotba tal-Introjti u Esiti 1809-1890 li hemm fl-Arkivju Parrokkjali. (1) Il-kitba tgħid hekk:

"1 ta' Diċembru 1824 — aħna, Mastri Marmisti Ġużeppi Dalli u Vincenzo Adrario, irċevejna s-somma ta' 800 skud minn għand ir-Rev.du Signur Dun Salvatore Sammut bħala prokuratur tal-Veneranda Lampada ta' Ħal Balzan, somma li bħala ħlas ta' l-iskannell tar-rħam u l-pedistalli tiegħu magħmulin fl-Artal Maġġur tal-Veneranda Knisja, bi twettiq tal-kitba privata tal-11 ta' April 1820."

Taħt din il-kitba nsibu oħra tal-Brunżar, li tgħid:

"1 ta' Diċembru 1824 — Jiena, Mastru Brunżar Luigi Bugeja, irċevejt minn għand ir-Rev.du Sig. Dun Salvatore Sammut bħala prokuratur tal-Ven.da Lampada ta' Ħal-Balzan, is-somma ta' 291 skud għall-bieba tat-Tabernaklu u għal diversi ornamenti tar-ram indurat għall-Artal Maġġur".

Fl-istess faċċata naqraw il-lista ta' l-ispejjeż li saru għat-twaqqif ta' dan l-artal:

— Għat-trasport ta' dan l-iskannel u materjali ieħor 7sk 4
— Tavla għal fuq l-iskannel 5sk 8
— Għall-manteniment ta' sitt ijiem ta' żewġ mgħallmin 7sk
— Għall-induratura tat-tavlozza 7sk
— Sitt ixbar drapp għat-Tabernaklu 10sk
— Għall-ġibs, trasport u ħwejjeġ oħra 5sk.

Fi ktieb ieħor tal-amministrazzjoni, insibu li f'dik is-sena 1824, il-familja Sammut Delicata rregalat terħa tassatin ħamra rrakkmata bid-deheb mis-sinjura Anna Delicata li kienet stmata li tqum 180 skud għall-artal maġġur. (2)

F'Lulju tal-1822, tħallset is-somma ta' 15-il skud u 7 tari' għall-Privileġġ Perpetwu ta' l-artal maġġur u tas-seba' festi tal-Madonna u tan-Novena tal-Annunzjata. (3).

Wara l-artal insibu l-iskrizzjoni ta' l-irħam li tgħid:

"Altare privilegiatum et perpetuum A.D. MDCCCXXIII"


BENEFATTUR TA' L-ARTAL MAĠĠUR

Fil-ktieb ta' l-amministrazzjoni tal-Veneranda Lampada numru 5, insibu li t-tabib Gio Carlo Grech Delicata, li kien professur ta' l-Istorja Naturali u tal-Mediċina Legali, ħu Monsinjur Isqof Anton Grech Delicata, qabel il-mewt tiegħu li ġrat nhar il-31 ta' Diċembru 1882, fost ħwejjeġ oħra li ħalla għall-Knisja Parrokkjali tagħna, ħalla dawn li ġejjin għall-Artal Maġġur: (4)

Frenża tad-deheb għal terħa tal-lama tad-deheb 19-il

(Ikompli f'paġna 2)

SILTIET MILL-ISTORJA TA' ĦAL BALZAN
Tiftix u kitba ta'
DUN ĠWANN DIMECH



It-Tużell tal-Festa Titulari, xogħol rikk ta' skultura li sar fl-1877

BEBE

L-AQWA ĦANUT
GĦALL-ĦWEJJEĠ
TAT-TFAL

"ĦAL BALZAN"

toħroġ kull xahrejn mill-
BORD EDITORJALI — "ĦAL BALZAN"
c/o Każin tal-Banda
'San Gabriel'
Ħal Balzan.

Stampata fil-
Lux Press
Ħamrun.

X'ĠARA FOSTNA

JANNAR 1977

Nhar l-Erbgħa, 12 ta' Jannar, fil-quddiesa ta' fil-għaxija saret l-offerta ta' flus u oġġetti oħra ta' l-ikel lil Mons. Mikiel Azzopardi, Direttur tad-Dar tal-Providenza fis-Siġġiewi. Dawn il-ħwejjeġ inġabru min-nies ta' Ħal Balzan fil-jiem tal-Milied. Kienet inizjattiva tabilħaqq sabiħa u ta' min ifaħħarha u li għaliha ħafna Balzanin taw is-sehem ġeneruż tagħhom.

Għall-okkażjoni tal-festa ta' San Ġwann Bosco, fil-31 ta' Jannar, il-fergħat ta' l-Azzjoni Kattolika tal-Parroċċa offrew il-quddiesa ta' dak in-nhar fil-għaxija għall-Assistenti Ekkleżjastiċi tagħhom.

FRAR 1977

Nhar l-Erbgħa, 2 ta' Frar, festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej, sar it-tberik tal-Kandlora fil-quddiesa ta' fil-għaxija. Fl-istess jum fil-għodu saret laqgħa interessanti ħafna għall-ommijiet żgħażagħ. Din il-laqgħa kienet tikkonsisti f'konferenza bis-'slides' fuq l-abort, b'kumment mis-sinjura Doris Spiteri, 'counsellor' tal-Moviment ta' Kana.

Il-Ħadd, 6 ta' Frar, ixxandret quddiesa fuq Cable Radio mill-Parroċċa tagħna. Qaddes il-Kappillan, megħjun minn Dun Ġużepp Zammit. Ħa sehem ukoll il-Kor Parrokkjali.

Il-Ħadd ta' wara, 13 ta' Frar, fid-9.30 a.m. Dun Mattew Magri qaddes quddiesa kantata fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan fl-okkażjoni tal-pussess tiegħu bħala kanonku tal-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl tal-Belt.

Tul dan ix-xahar, saru fil-Knisja Parrokkjali t-tifkiriet tad-dehriet tal-Madonna f'Lourdes bi priedka fil-quddiesa ta' fil-għaxija.

Nhar is-Sibt, 26 ta' Frar, sar programm varjat fuq il-palk b'risq il-missjoni ta' Mother Theresa ta' l-Indja. L-attendenza għal din is-serata ta' karità kienet numeruża.

Mr. & Mrs. M. Vella,
1250, Qullette Ave.,
Duke of York, Apt 32,
Windsor Ont.
Canada

Sur Editur,

L-ewwel irrid ngħidlek kemm nieħdu gost naqraw il-gazzetta "Ħal Balzan."

Jiena emigranta ġo Windsor, fil-Kanada, u l-ġenituri tiegħi kemm ili li emigrajt qatt ma naqsu li jibagħtuli l-gazzetta. Il-gazzetta fiha minn kollox. Żewġi u jien, l-iktar li nsibu interessanti huwa l-artiklu "X'Ġara Fostna", għax bih, għalkemm bogħod mir-raħal għażiż tagħna, inkunu nafu x'sar f'dawk ix-xahrejn li jkunu għaddew. Ngħid il-verità, meta kont Malta u kienet toħroġ il-gazzetta, nistħi ngħid li lanqas każ ma kont nagħti, imma issa kemm ili li emigrajt meta nirċiviha ma noqgħodx kwieta sakemm naqraha. Żewġi u jiena nsibuha ta' interess. Ħaġa sabiħa li min għandu qrabatu msifrin jibda jibgħathielhom, għax jekk huma Balzanin veru jieħdu gost jaqraw fuq ir-raħal tagħhom.

Għalhekk, permezz ta' din l-ittra, nieħu din l-opportunità biex ngħid prosit lil kull min jaħdem biex din il-gazzetta tkun tista' tiġi ppublikata. Saħħa u Prosit.

Dejjem tiegħek,
Mary

Nota Editorjali* — *Nirringrazzjaw lis-sinjura Mary Vella, imwielda Chetcuti, ta' dawn il-kelmtejn sbieħ u ta' kuraġġ li għamlitilna. Fl-istess ħin nagħmlu appell lill-Balzanin imsefrin li jirċievu l-gazzetta sabiex jibagħtulna s-suġġerimenti tagħhom.

L-ARTAL MAGGUR

(jaqbad minn paġna 1)

skud
żewġ trieħi ta' l-imbrukkat 13-il skud
Važuni għall-fjuri 10 skudi
Fjuretti 5 skudi
Seba' gandlieri, skolpiti u arġentati 100 skud
Sitt statwi għal fuq l-artal 240 skud.

IT-TABERNAKLU LI HEMM ILLUM

Nhar il-21 ta' Marzu 1967, il-W.R. Kappillan, il-Kan. Carmelo Sciberras, bierek it-Tabernaklu artistiku tal-fidda. Dan it-Tabernaklu hu mżejjen b'għadd ta' ħaġar prezzjuż. Id-disinn ta' dan it-tabernaklu sar mill-Kan. Dun Spir Sammut u nħadem minn Francis Cassar ta' Bormla. Għal dan it-tabernaklu ħallsu xi benefatturi Balzanin.

IŻ-ŻEWĠ GANDLIERI L-KBAR

F'ċerti solennitajiet, naraw taħt il-presbiterju żewġ gandlieri kbar kollha skultura u ndurati. Dawn il-gandlieri huma twal seba' piedi u nofs. Fil-"Guida Generale di Malta e Gozo' ta' Giovanni Muscat tal-1889, fis-sezzjoni "Cenni Biografiċi", insibu dan li ġej dwar Francesco Zahra: "Non si può da quella modestia, in cui ha voluto occultarsi in vita, non ritegliere questo bravo nostro Artista del passato secolo per le molte ed insigni sue opere. I suoi primi anni furono dedicati allo studio di scoltura sotto la direzione di suo padre, P. Paolo, scultore di merito di nostro paese: del suo valore sono i due Candelabri di legno di Casal Balzan e la statua di S. Bartolomeo di Casal Gargur da lui ritoccata. Però più della scoltura si senti disposto alla pittura:..." (5).

Jingħad li dawn iż-żewġ gandlieri tant intgħoġbu li l-gandlieri ta' l-artali l-oħra saru fuq id-disinn ta' dawn.

IT-TUŻELL

Tagħrif dwar l-ewwel tużell ta' fuq l-artal maġġur insibuh fis-sena 1724. Fil-ktieb tad-dħul u ħruġ (1716-1749) naqraw li f'Diċembru 1724 tniżżlet lista ta' benefatturi li taw donazzjonijiet għal tużell. Fost il-benefatturi nsibu l-isem tal-Granmastru Antonio Manuel De Vilhena li offra 30 skud; warajh hemm imniżżel is-Sur Alessandru, Konslu ta' l-Ingliżi. Fil-parti tal-ħruġ insibu li f'Jannar tal-1725 tħallsu 72 skud u 6 tari għal erbatax-il qasba u nofs damask aħmar; 25 skud għal frenża tal-ħarir. F'dan il-kont insibu msemmija: il-kurdiċella, il-krieket, kartun u tila. Il-gwarniċ ta' l-injam qam 3 skudi u 8 tari' u l-induratura tal-gwarniċ qamet 12-il skud. Fuq dan it-tużell saret arma li qamet żewġ skudi (6).

Fil-ktieb ta' l-amministrazzjoni ta' Gio Carlo Grech Delicata nsibu li ntefqu 48 skud 10 tari' 10 grani għad-damask aħmar, frenża, inforra u ġmiemen għat-tużell aħmar (7).



Wieħed miż-żewġ gandlieri kbar li jintramaw quddiem il-presbiterju fil-festi ewlenin tal-Parroċċa.

IT-TUŻELL LI HEMM ILLUM

Waħda mill-opri artistiċi li jżejnu l-Knisja Parrokkjali tagħna fil-jiem tal-festa hija t-tużell. Dan it-tużell ġie ddisinjat mill-magħruf Ġużeppi Calleja u nħadem minn Salvu Grixti minn Ħal Balzan fil-post li hemm faċċata fl-isqaq nru. 1 ta' Triq it-Tliet Knejjes. Sa ftit ilu kien għad jidher maħżuż mal-ħajt id-disinn. Nafu wkoll li dan it-tużell iżżanżan nhar il-festa tal-Lunzjata tal-1877 (8).

IL-PRESBITERJU U L-KANĊELL

Fost il-Benefatturi li kellha l-Knisja Parrokkjali tagħna, insibu lil Pietru Pawl u lil Ġwakkinu Frendo, li fost l-opri li kkontribwew għalihom insibu li fis-sena 1895 għamlu l-paviment tal-Presbiterju u tal-Kor. Dan tixhdu lapida li hemm fil-Kor.

Il-Kanċell sar mill-benefattur Balzani Noemi Azzopardi. Jingħad li dan il-kanċell ta' l-irħam inħadem barra minn Malta, qam £80 lira u sar fuq id-disinn ta' Salvatore Grech (il-Qagħdi).

REFERENZI:

1. ARKIV. PARR.: Lib. 30.
2. ARKIV. PARR.: Lib. 24.
3. ARKIV. PARR.: Lib. 26.
4. ARKIV. PARR.: Lib. 5.
5. MUSCAT G: Guida Generale 1889 p. 259.
6. ARKIV. PARR.: Lib. 56.
7. ARKIV. PARR.: Lib. 5.
8. ZAMMIT W. L.: **HAL BALZAN** nru. 30 p. 5.

SOMBRERO PASTIZZERIJA

FEJN ISSIBU:—

PASTIZZI, QASSATAT, RAVJUL, U PIZZA

215, VALLEY ROAD, BIRKIRKARA

CORDINA HALL

CARMEL STREET, BIRKIRKARA
TINKERA GĦAT-TIĠIJIET, ENGAGEMENTS
U KULL OKKAŻJONI OĦRA.
Aħsbu kmieni għall-Booking
Tel. 42093, 40183, 22254

Jew applikaw għand:
F. CORDINA & SONS
CORDINA SHOWROOM
Bishop Labini Street, Birkirkara

HONEYROSE DE LUXE - CIGARETTES

EXCLUSIVELY HERBAL — NATURALLY NICOTINE FREE

TELEPHONE 32285

ID-DEVOZZJONI TAL-LUNZJATA F'MALTA

Il-bidu tal-qima lejn il-Madonna tal-Lunzjata fil-gżejjer Maltin kien bikri ħafna, biż-żejjed naraw l-artal tagħha fil-Kappellun ewlieni fil-lemin tal-Katidral ta' l-Imdina li jgħodd it-twaqqif tiegħu mill-anqas fi żmien in-Normanni, biex ma noqogħdux fuq it-tradizzjonijiet ta' qabel il-ħakma Għarbija, imma biss ngħaddu ż-żmien tal-qawmien Nisrani tal-Medjoevo.

KITBA TA'
RAFEL BONNICI CALI'

U bla ma ntawlu mmorru dritt fuq il-lista tal-Knejjes tagħna li saret fl-1436, fejn insibu li l-Lunzjata kellha dawn il-Knejjes: f'Ħal Balzan, Ħal Tarxien, Ħal Qormi, Ħal Millieri, u s-Saqqajja ta' Għawdex, u tal-Patrijiet tal-Karmnu fir-Rabat ta' Malta, għalkemm ma' dawn nistgħu ngħoddu wkoll dawk tal-Mellieħa u tal-Kastell tal-Birgu u tal-Kastell ta' Għawdex, billi t-tlieta li huma kienu dedikati lil Omm Alla, isem li jfisser xorta waħda l-Misteru tal-Inkarnazzjoni, l-istess bħall-Annunzjazzjoni, li hu l-eqdem titolu ta' ġieħ li ngħata lill-Madonna; u kif sejjaħlu Dom. Mauro Inguanez, il-bibljotekarju ta Monte Cassino, "l-Isbaħ titolu tal-Madonna."

U maż-żmien, il-knejjes tal-Lunzjata żdiedu u fl-1575, Mons. Duzzina sab ukoll li żdiedu dawn li ġejjin: ta' Ħal Lew, Ħal Millieri, Ħaż-Żabbar, Tal-Għolja (Siġġiewi), Ħaż-Żebbuġ, Mosta, Ħ'Attard, Ħal Kirkop, Wied Iż-Żara, Ta' Duna fir-Rabat, Tal-Virtù fl-istess Rabat, tal-Mensija, tnejn fl-Imqabba, tnejn fil-Gudja, tnejn f'Birkirkara, tnejn f'Ħal Lija, waqt li żdiedet waħda f'Ħal Balzan, oħra f'Ħal Qormi, oħra fil-Birgu (Dumnikani), u tal-Karmelitani tal-Belt.

Mitejn sena wara, fl-1780, insibu li tal-Belt, Ta' Doni, tal-Kastell tal-Birgu u tal-Kastell ta' Għawdex, kif ukoll tal-Katidral ta' Malta, bidlu isimhom waqt li żdiedu dik tal-Karmelitani fl-Imdina, il-Kappella tas-Seminarju ta' l-Imdina, ta' Ġebel Ciantar, u tas-Salini (Naxxar).

Illum fadal dawn li ġejjin: iż-żewġ Parroċċi ta' Ħal Balzan u Ħal Tarxien, il-Kappella tas-Seminarju, tal-Karmelitani fl-Imdina u fir-Rabat, il-filjali tas-Saqqajja ta' Għawdex, ta' Ħal Balzan, il-qadima, Ħal Millieri, Ħaż-Żabbar, tal-Għolja, Ħal Qormi, Ħaż-Żebbuġ, Birkirkara, Gudja, Birgu, Ħal Kirkop, Mqabba, Tal-Mensija, Ġebel Ciantar, u tas-Salini.

Barra d-devozzjonijiet li l-Maltin u l-Għawdxin kienu jagħtu lil Alla f'dawn il-Knejjes tal-Madonna mħabbra mill-Anġlu, il-kleru kollu tad-djoċesi kellu wegħda għall-ħelsien minn ħbit qawwi mit-Torok wisq qabel il-miġja tal-Kavallieri, meta l-parroċċi kollha kienu jinġabru fil-Katidral u jagħmlu purċissjoni nhar il-Lunzjata, jiġifieri fil-25 ta' Marzu, iżda Mons. Duzzina ried li jħoll dan il-piż u għamel li kull Kappillan jista' jagħmel il-wegħda billi jieħu l-parruċċani tiegħu fi Knisja oħra fl-istess parroċċa f'jum li jagħżel huwa stess, imqar wara l-25 ta' Marzu. Għalhekk insibu li din il-purċissjoni tal-wegħda baqgħet issir fin-Naxxar, iż-Żurrieq, Ħal Għargħur, Birkirkara, Birmiftuħ, Ħal Qormi, iż-Żejtun, is-Siġġiewi, f'Ħal Lija u Ħ'Attard.



Dettal min-niċċa ta' l-Annunzjata li tinsab f'tarf Ħal Tarxien fit-triq Tal-Barrani.

Ma' dawn il-knejjes nistgħu nżidu l-għadd ta' artali tal-Lunzjata li jinsabu fi knejjes oħra, bħal f'Tal-Karmnu, Santu Wistin, San Pawl, kollha fil-Belt, waqt li nafu li fil-Parroċċa ta' San Duminku kien hemm ukoll artal tal-Lunzjata li l-pittura tiegħu mogħtija mill-Gran Mastru Pinto, għadha merfugħa fis-sagristija ta' l-istess knisja.

Bla ma ndejqu lill-qarrejja bil-lista twila ta' dawk ix-xbihat kollha li nsibu fil-knejjes jew dawk li niltaqgħu magħhom fin-niċeċ tat-triqat tagħna, insemmu biss tliet niċeċ kbar u storiċi li huma dik li tifred it-Tliet Irħula ta' Ħal Balzan, Ħal Lija u Ħ'Attard, dik li timmarka l-limiti ta' Ħal Tarxien fit-Triq tal-Barrani, u dik li tinsab fl-Għasri miżmuma bl-akbar għożża mill-Għawdxin kollha għal sekli sħaħ.

Jiena naħseb li tkun ħaġa tajba jekk drabi oħra tislifni ftit wisa' ieħor ħalli ngħid xi ħaġa fuq il-knejjes u devozzjonijiet oħra tal-Lunzjata.

GOMATO HOUSEHOLD GOODS
Prop: PETER PISANI
CHANDELIERS AND SOTTO SPECCHIOS,
SALOTTI TA' BARRA (MILAN)
14, BRARED STREET,
BIRKIRKARA
Telephone: 43662

VITAFOAM
ISEM TA' GARANZIJA
PRODOTTI —
SAQQIJIET
IMHADED
CUSHIONS U AFFARIJIET
OHRA TAL-FOAM
Irrikorru:
VITAFOAM MALTA LIMITED
Industrial Estate, San Ġwann (B'Kara)
Telephone: 36275/76

ROKNA GĦAT-TFAL

Għeżież tfal,

Illum ħassejt li għandi niktbilkom kelmtejn dwar il-festi tal-Ġimgħa l-Kbira li jsiru ma' Malta kollha, u b'mod speċjali fuq il-purċissjonijiet li jsiru bil-vari f'ċerti bliet u rħula tal-gżira tagħna.

Jekk hawn ħaġa li t-tfal iħobbu jarawha mingħajr dubju li hija l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Quddiem nett, fuq il-bankini mnejn tgħaddi l-purċissjoni, ma tarax ħlief tfal ferħana jħarsu lejn kull vara li tgħaddi u jgħidu xi kelma ta' tifħir fuqha.

Iżda xi drabi mhux it-tfal kollha jifhmu x'inhu l-ħsieb tal-knisja li tagħmel dawn il-purċissjonijiet f'dan iż-żmien hekk qaddis tas-sena. Xi tfal imorru jaraw il-vari għall-kurżità biss, jew biex joqogħdu jgħidu liema vara kienet l-isbaħ, u kemm kellhom ilbies sabiħ dawk li ħadu sehem fil-purċissjoni.

Il-ħsieb tal-knisja fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira mhux ħaġ'oħra ħlief li turina u tfakkarna fil-misteru kbir tal-fidwa tagħna, meta l-Iben t'Alla sar bniedem u ssallab għalina.

Hu għalhekk dmir tagħna li fil-ħin li tkun għaddejja l-purċissjoni naħsbu ftit fuq kemm bata Ġesù għalina, u kemm għandna naħarbu d-dnub li minħabba fih Alla sar bniedem u miet għalina. Ta' min ifakkar ukoll li t-tfal fil-ħin tal-purċissjoni għandhom iżommu skiet u ġabra u ħadd m'għandu jgħaddi minn naħa għal oħra tat-triq fil-ħin li tkun għaddejja l-purċissjoni.

Fl-aħħarnett, tkun ħaġa sabiħa li f'din il-ġurnata għażiża t-tfal kollha, bniet u subien, jagħmlu xi penitenza żgħira biex ipattu mhux biss għal ħtijiethom iżda wkoll għal dawk li ftit li xejn jaħsbu kemm Ġesù bata għalihom.

KOMPETIZZJONI BIL-PREMJU

Tfal, għall-kompetizzjoni ta' din id-darba, ħsibna li nagħmlulkom xi ħaġa mhux tas-soltu, jiġifieri li sa issa għadna qatt ma għamilnielkom waħda bħalha. Din naħsbu li togħġobkom u li tieħdu gost biha billi ġġagħalkom tħabblu ftit raskom. Anagramma tfisser kelma li minnha stess tista' ssir kelma oħra, jew aħjar tqalleb l-ittri ta' din il-kelma u tiffurmaw kelma oħra. Eżempju: minn HATAF nagħmel: AHTAF, HATFA, TAFHA.

Mela, kull ma għandkom tagħmlu hu li toħorġu żewġ kelmiet minn, kull waħda minn dawn: BAHAR MARSA, MARDA, KTIEB.

Bħas-soltu, ibagħtu l-kompetizzjoni tagħkom f'envelop magħluq u ndirizzawh lill-Każin tal-Banda 'San Gabriel' jew impustawh intom stess fil-letter box ta' l-istess każin. Għandkom żmien sa nhar is-Sibt, 30 ta' April, 1977.

It-tweġibiet ta' l-aħħar kompetizzjoni kienu:

Bikkerini, Fartas (qargħi), Kannol, Baħar, Parrinu, Lampi, Beċċun, Pitirross. Il-kelma li kellha toħroġ mill-ittri fil-kaxxi mmarkati bl-iswed kienet KANARINI.

Ir-rebbieħ ta' l-aħħar kompetizzjoni hu Dione Borg, li joqgħod 2 Triq Providenza, Ħal Balzan. Il-premju nieħdu ħsieb nibagħtuhulu.

MILL-UFFIĊĊJU PARROKKJALI

Saru wlied id-Dawl bil-Magħmudija
Claire Coppola, bint Patrick u Antoinette.
Roberta Luisa Vella, bint Dr. Anton u M.Antoinetta.
Claire Mifsud, bint Robert u Joan.
Dario Azzopardi, bin Charles u Mariella.
Christian Borg St. John, bin Walter u Christine.
Katya Adbilla, bint Nazareno u Margaret.
Sandro Bianco, bin Alfred u Sylvia.
Astrid-Mary Gollcher, bint Alex u Josephine.
Emmanuele Vella, bint Joseph u Carmen.
John Francis Valenzia, bin Dr. Geoffrey LL.D. u Helen.

Qaddsu l-imħabba tagħhom fid-Dawl ta' Kristu
Mario Mancini u Doris Bonello.
Angelo Farrugia u Marian Muscat.
Tonio Guillaumier u Frieda La Ferla.

Ħallew id-dlam tad-dinja u għaddew għad-Dawl ta' dejjem
Sr. Josephine Heaton, tas-Sorijiet tal-Karità.
Pawla Cutajar.
Carmela Calleja.
Emanuela Sammut.
Rafel Mifsud.
William Spiteri Fiteni.

IL-KNISJA TAL-LUNZJATA FIR-RABAT T'GHAWDEX

It-tieni taqsima ta' artiklu miktub mill-Kan. Dun Nikol Vella Apap. It-tielet u l-aħħar taqsima tidher fil-ħarġa li jmiss.

Il-Knisja minn ġewwa u barra

Il-knisja minn ġewwa hija ta' arkitettura sempliċi ħafna. Is-saqaf tagħha jistrieħ fuq sitt ħnejjiet u taħt l-ewwel tnejn insibu żewġ pilastri u maz-zokklu tagħhom tinsab maqtugħa tarġa bħala presbiterju. Dawn il-pilastri ma nbnewx mal-kappella, iżda ġew miżjuda snin wara. F'Marzu tas-sena 1970, lil dawn il-ħnejjiet isserrawlhom ħames pulzieri mill-bidu tagħhom. Bil-ħidma ta' Ġużeppi Formosa, li huwa minn Kerċem u miżżewweġ ir-Rabat, sar iz-zokklu madwar il-knisja, kollu tal-mużajk ta' lewn griż. L-Isqof Mgr. Ġużeppi Pace (1944-1972) tant kellu qima kbira lejn din il-kappella storika li mhux biss kien iqaddes fiha kull 25 ta' Marzu quddiesa kantata, "Presbiter Assistens" minn fuq it-tron, imma wkoll ikkonsagraha solennement fit-18 t'Ottubru, 1959. (1) Is-slaleb tal-konsagrazzjoni, li huma mnaqqxa fl-irħam griż, ġabhom mill-Italja Pawlu Pace, fuq ordni ta' Dun M'Anġ Grech minn Kerċem, li kien ex-sagristan maġġur fil-Katidral. Dawn kienu qamu £13 u kien ħallas għalihom Ġużepp Formosa. Il-vara tal-Madonna tal-Lunzjata, opra ta' l-istatwarju Wistin Camilleri P.E.P., saret fis-sena 1952. Kienet qamet £48 u ħallas ukoll għaliha Ġużepp Formosa u martu Ġorġa, imwielda Micallef. L-artal tal-Kappella kien tal-ġebel, imma ġie mibdul f'ieħor ta' rħam li qabel kien fil-knisja ta' Savina tal-Belt Vittorja. Biex tpoġġa dan l-artal u żidulu t-tabernaklu, intefqet is-somma ta' £80, u ħallas għaliha l-imsemmi Ġużeppi Frendo li issa ilu jieħu ħsieb din il-kappella għal 25 sena (2). F'din il-kappella nsibu woll gallerija ta' l-orgni li saret fi żmien Ċensu Cauchi u r-rettur tagħha Dun M'Anġ Grech li kien sagristan maġġur tal-katidral. Biex saret kellha tintmess il-faċċata ta' fuq in-naħa tax-xellug int u dieħel fil-kappella. Dan il-garigor żgħir tiela' minn ġol-blat, għaliex il-kappella tinsab għar-rdoss ta' sies kollu ilsna ta' blat u għerien. Il-vara tal-Madonna tal-Lunżjata tinsab fil-bieb tal-ġenb li jagħti fuq it-triq.

In-niċċa ta' l-injam bil-vara ta' San Ġużepp qiegħda mal-ħajt in-naħa tal-bieb ta' l-orgni. F'din il-kappella, ħdejn ir-rixtellu ta' l-injam li jiġi wara l-bieb ewlieni ,hemm konfessjunarju għall-qrar tan-nisa. Fuq il-presbiterju, in-naħa tal-Vanġelu, hemm gradenza u mdendel fuqha jidher kwadru tal-Qalb ta' Ġesù. L-art tal-kappella hija ċċangata bil-madum f'għamla ta' maktur bil-lewn abjad ġewwa mdawwar b'lewn griż u fl-irjus erba' kaxxi żgħar ta' lewn isfar. Fiha wkoll ħawt tar-rħam abjad għall-ilma mbierek, li qiegħed in-naħa tal-lemin fejn ir-rixtellu. (3) F'niċċa żgħira mħaffra fil-ħajt li tiġi fuq ix-xellug hemm ukoll xbiha ta' Kurċifiss. F'din il-kappella nsibu wkoll il-Via Sagra li kienet ġiet imġedda f'oħra minn Ġużeppi Formosa. F'din tal-lum ix-xbihat huma bil-kulur filwaqt li l-qadima kienet bħal inċiżżjonijiet.

Ngħaddu issa biex nagħtu daqqa t'għajn minn barra lejn din il-kappella li tant tiġbed attenzjoni u qima lejn il-Madonna tal-Lunzjata. Quddiem nara z-zuntier żgħir imdawwar bil-ġebel u ċċangat bil-madum tas-siment isfar. Il-bieb ewlieni huwa għamla ta' nofs tond. Iktar 'il fuq hemm tieqa tonda bi grada tal-ħadid (f'għamla ta' taħt fuq) li tiġi mal-faċċata f'għamla ta' frontispizju. Fuq daqsxejn ta' ġebla hemm salib ta' l-injam. Aktar 'il quddiem għidna li meta sar il-garigor intmesset il-faċċata hekk li fiha hemm qabża fil-ġebel ta' madwar tmien pulzieri. Fil-garigor, għad-dawl, hemm żewġ rewwiħiet waħda fuq l-oħra. Il-ħajt ta' barra l-kappella jidher tiela' f'għamla ta' denfil għas-saħħa tagħha. Dan jidher mhux biss mal-ħnejja tal-bieb tal-ġenb, imma wkoll fejn jispiċċa l-ħajt tagħha u jibda dak tas-sagristija. In-naħa tal-bejt jidhru tliet imwieżeb li jilqgħu l-ilma taxxita li jaqa' fuq il-bejt tagħha. Fuq il-bieb tas-sagristija li jagħti għat-triq, hemm rewwieħa bi grada tal-ħadid u fuq nett, fil-kamra li nbniet fl-1940, hemm tieqa. (4) Fis-sagristija, f'niċċa ta' l-injam, hemm statwa ta' Sant'Ursola. Fl-antik, din il-kappella bħal oħrajn bħalha, kienet tgawdi l-immunità tal-knisja. U meta dan il-privileġġ ġie mneħħi mill-Gvernatur Sir Frederick Ponsomby (1827-1836), bi proklama fl-1828, mal-faċċata ta' din il-kappella, ħdejn il-bieb ewlieni, fuq in-naħa tal-lemin, twaħħlet kitba fuq irħama, li tgħid hekk: "Non gode l'immunità ecclesiastica" (5). Fil-faċċata ta' din il-knisja, proprju fuq in-naħa tal-lemin, ħdejn it-tarf, tinsab kitba fuq il-ġebel li tgħid hekk: "In atti del Notaro Cristoforo. Fredo. Del. Di 20 Luglio, 1889, si vede. Concessione. Enfetetica. Della. Terra. Beneficiale. Formati. La Dote del Beneficio. Regio. Ta Lunzjata. Per Anni 99. Da principarsi. Il 15 Agosto. A. Sal. ed Ant. Grech". Il-kampnar tal-knisja kien ġie miżjud meta nbniet fuq is-sagristija fis-sena 1940 dik il-kamra. Fih tliet qniepen. Waħda minnhom dejjem kienet hemm, oħra kien ġabha Ċensu Cauchi meta kien jieħu ħsiebha u l-oħra ġabha Ġużepp Formosa meta f'April tas-sena 1958 ħattew il-Kappella ta' San Ġużepp tas-Suq, biex jagħmlu misraħ quddiem il-knisja Bażilka u Kolleġġjata ta' San Ġorġ.

It-Twaqqif tal-Benefizju tas-Saqqajja Llum Imsejjaħ tal-Lunzjata

Dan il-benefizzju tas-Saqqajja, jew tal-Lunzjata, ġie mħolli u mwaqqaf mis-Sinjura Sibilla d'Aragona, Maltija minn nisel ir-rejiet t'Aragona, li kienet tgħammar f'din il-gżira fis-sena 1370 flimkien m'oħtha, is-Sinjura Margerit. (6) Is-Sinjura Sibilla kienet ħalliet kulma kellha f'Għawdex lill-Kunvent tal-Karmelitani ta' l-Imdina (7). Bħala l-ewwel rettur ta' dan il-benefizzju għażlet lil Dun Piet Barba. Din is-sinjura mietet mingħajr werrieta u daħal werriet tagħha l-Gvern. Għalhekk naraw li wara li miet Dun Piet Barba, fis-sena 1372, ir-Re Ferdinandu ta dan il-benefizzju lil Dun Bartolomew Għaxaq, sewwa sew fit-12 ta' Novembru. Wara Dun Għaxaq, ġie mlaħħaq rettur il-qassis Saguna (fis-sena 1398) li kien ġie ppreżentat mir-Re Martin b'ittra tal-15 t'Ottubru. Wara l-mewt ta' Saguna, ġie mlaħħaq rettur is-Saċerdot Dun Ġlormu Faraone, li kien ġie mressaq mill-Viċi-Re ta' Sqallija, Lopex Ximenes D'urrea, fil-10 ta' Diċembru 1472. Warajh ġie nominat Dun Pietru de Beniamin mill-Viċi-re Ġanni Lanuzza. Iżda l-imsejken Dun Piet waqa' lsir fis-sena 1500 u l-istess Ġanni Lanuzza fit-23 t'Awissu nnomina lil ċertu Dun Alvaru di Castello. Dun Alvaro ġie wkoll maqbud u meħud fil-jasar. L-istess Viċi-re għażel lil Dun Pinn Saguna, Għawdxi, li dik il-ħabta kien Vigarju Foranew għal Għawdex. Iżda Dun Alvaro di Castello ġie mill-jasar fis-sena 1511 u reġa' ħa l-benefizzju b'ordni tal-Viċi-re Ugo de Monacado fl-4 ta' Ġunju 1511. Dan kien l-aħħar benefizzju magħżul mill-Viċi-rejiet ta' Sqallija (8).

Dan il-Benefizzju Jiġi Mogħti mill-Gran Mastru Prinċep t'Għawdex

Fl-1544, miet Dun Alvaru di Castello li kien ukoll kappillan tal-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ (illum Bażilka u Kolleġġjata), u l-Isqof Cubelles għażel rettur ta' dan il-benefizzju lil Dun Ġlormu Borg, li kien kappillan ta' Ħal Qormi, fl-4 ta' Novembru ta' l-istess sena. Iżda meta l-Gran Mastru D'Omedes sar jaf li kien dritt tiegħu li jagħżel ir-Rettur, ħatar lill-Kanonku Dun Piet Burlo fi Frar tal-1545. Dan wieħed jista' jaqrah fl-atti tal-kanċellerija tal-qorti ta' l-Isqof, fejn issib ukoll li fl-1 ta' Novembru, 1580, ġie nominat mill-Gran Mastru La Cassiere il-Kjeriku Ġamri Xara. Dan ta l-aħħar ħalla l-benefizzju għax iżżewweġ u minfloku laħaq fit-12 t'Awissu, 1591, il-Kanonku Ġammari Cassia, bin-nomi tal-Gran Mastru Verdala. Fl-1591. wara l-mewt ta' Cassia, il-Gran Mastru Garzes innomina lill-Kjeriku Pietru Pawl Tabone. fit-8 ta' Marzu. Fit-18 ta' Mejju, 1644, ġie magħżul id-duttur Dun Nikol Mangion, vigarju ta' l-Isqof, mill-Gran Mastru Laskri. Dun Nikol miet fis-17 ta' Settembru, 1656, iżda ftit qabel huwa ċeda l-benefizzju lil ċertu Dun Mattew Borg, li kien jiġi minnu, u żamm għalih il-pensjoni ta' 22 dukat tad-deheb bil-permess tal-Papa li bagħatlu l-beni fil-15 ta' Mejju, 1656. Però, Dun Mattew Borg ma laħaqx daħal fil-benefizzju billi l-Kanonku Mangion miet f'din is-sena. Fid-19 ta' Diċembru ta' l-istess sena, il-GranMastru Laskri sejjaħ rettur lil Dun Ċintju Micallef li ħa l-pussess tiegħu fit-18 t'Awissu, 1657, u dam igawdih sa ma miet fi Frar tal-1678. Wara Dun Ċintju ġie magħżul mis-Sultan Fra Nikol Cottoner il-Kjeriku Gaspru Azzopardi li ħa l-pussess fil-21 ta' Marzu u miet fit-3 ta' Mejju ta' l-istess sena. Wara jumejn ġie msejjaħ il-Kjeriku Erkli Martin Testeferrata mis-sultan Perellos. Fl-1735, dan Erklu Testaferrata żżewweġ lis-Sinjura Veneranda Abela u floku ġie msejjaħ il-Kjeriku Ġan Patist Balzamo de Vagnolis (9) mill-Gran Mastru Manoel De Vilhena.

REFERENZI:

1. Mss. Tiegħi bl-isem Casal Chercem paġ. 96.
2. Ibid. op. cit. paġ. 96
3. Ibid op. cit. paġ. 96-7.
4. Ibid. op. cit. paġ. 97.
5. Malta An Account and an Appreciation ta' Sir H. Luke paġ. 214.
6 "Għawdex bil-ġrajja tiegħu" ta' Ġ. Farrugia paġ. 79.
7. G.F. Abela, ktieb 3 u 8.
8. "Għawdex bil-ġrajja tiegħu" ta' Ġ. Farrugia, paġ. 79.
9. Ibid. paġ. 79-81.

STARLETS

284, HIGH STREET, BALZAN

STATIONERY, TOYS, PAPER BACKS,

NEWSPAPERS AND CIGARETTES

Telephone: 41644

PROFILI BALZANIN — 4
VALENTINO MUSCAT



Is-Sur Valentino Muscat, is-surmast kif huwa magħruf mill-biċċa l-kbira tal-Balzanin, twieled f'Ħal Balzan fis-7 t'April, 1913, minn Alfonso u Anna mwielda Muscat. Huwa ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola primarja ta' Ħal Lija. Wara li spiċċa l-ogħla klassi (Std. 6), huwa kompla l-istudji tiegħu fis-Central School, minn fejn f'Lulju 1930 (wara li għadda mill-eżami ta' Oxford u xi suġġetti oħra f'eżami dipartimentali) huwa kkwalifika bħala għalliem fl-iskejjel primarji tal-Gvern.

Fit-Tieni Gwerra Dinjija, lis-Sur Valentino Muscat insibuh bħala skrivan fil-'Protection Office' ta' Ħal Balzan u baqa' jaqdi dan ix-xogħol għal kważi sentejn u nofs. Tul dażżmien kien meħlus mid-doveri normali tiegħu ta' għalliem u kien meħlus ukoll mill-'Conscription' billi xogħlu fil-'Protection Office' kien meqjus essenzjali għal dak iż-żmien. Fil-bidu tas-sena skolastika 1943-44, meta kien se jiġi maħtur 'Assistant Protection Officer', ġie msejjaħ lura fl-iskola biex jerġa' jaqdi dmiru bħala għalliem, u issa nsibuh igħallem fl-iskola ta' raħal twelidu fejn baqa' sakemm irtira fis-7 t'April 1973.

Mill-1946 sa meta rtira hu kien is-"Senior teacher" ta' l-iskola u għal darbtejn għamilha ta' 'Acting Head Teacher'.

Fil-ħajja tiegħu soċjali, is-Sur Valentino Muscat beda jinteressa ruħu f'Ħal Balzan sa minn meta kien ta' eta' żgħira. Meta kiber, huwa żied l-interess tiegħu fil-ħajja soċjali ta' Ħal Balzan billi nsibuh f'diversi għaqdiet. L-ewwel waħda kienet l-Azzjoni Kattolika, fejn ġie maħtur kaxxier. Insibuh ukoll fil-kariga ta' Kaxxier fl-għaqda "L-Isem Imqaddes t'Alla". Kien ukoll kaxxier tal-'Balzan Youths F.C.' u attwalment hu l-kaxxier tal-Każin tal-Banda 'San Gabriel' u ilu jokkupa din il-kariga għal aktar minn ħmistax-il sena. Kien membru fil-kumitat li sar għall-ġbir tal-paviment tal-Knisja u kien kaxxier tal-Kumitat Ċiviku. Huwa membru fil-Kumitat tal-Pittura u membru fil-Bord Editorjali tal-gazzetta "Ħal Balzan". Huwa ħadem ferm u għen kemm felaħ lill-Kappillan Zahra bejn l-1946-48 fil-ġbir għall-qanpiena l-kbira.

Bħala kaxxier tal-Każin tal-Banda nsibuh jinteressa ruħu l-ewwel fit-tmexxija tal-Każin billi hu dejjem irid jarah sejjer għall-aħjar u mbagħad insibuh jagħmel mill-aħjar biex il-festa ta' Marija Annunzjata tmur dejjem 'il quddiem.